# IL-MESMERIŻMU... X'KIEN EŻATT?

## Kif wasal fil-Belt Valletta?... u l-Illuminiżmu?

VICTOR VELLA / vvella@unionprint.com.mt



Ritratti: Roger Azzopardi



Il-Belt Valletta ma qagħditx lura lanqas f'dik li hi xjenza u teknoloġija u dan għamlitu sa mill-bidu tagħha. It-tagħlim u l-għarfien kien essenzjali, u dan għall-aspetti prattiċi bħad-difiża u kura tal-morda. Bl-Ordni ta' San Ġwann f'pajjiżna, u għalhekk b'kavallieri ġejjin lejn Malta u sejrin lejn kull rokna tal-Ewropa, ma setax jonqos li l-Belt iddakkret minn dak li kien ikun għaddej f'partijiet oħra tal-Ewropa.

Trid iżżomm f'moħħok li l-kavallieri kienu nies li ġejjin minn diversi pajjiżi fl-Ewropa – Spanja, Franza, il-Ġermanja u l-Italja fost oħrajn. Kienu nies nobbli u kienu involuti sew fil-ħajja f'pajjiżhom. Dawn il-kavallieri meta kienu jiġu minn pajjiżhom jew meta jsiefru u jerġgħu jiġu f'pajjiżna kienu jġibu magħhom aħbarijiet u żviluppi ġodda. Ma naqsux li f'pajjiżna dawn iġibu wkoll l-iżviluppi l-ġodda fix-xjenza u t-teknoloġija.

Forsi tistgħu taħsbu, minħabba li Malta hi maqtugħa bil-baħar li ċertu żviluppi kienu jdumu ma jaslu f'pajjiżna. Biss dan ma kienx il-każ. Ħafna mill-iżviluppi u l-innovazzjonijiet ma kinux idumu wisq ma jaslu Malta.

### IL-MESMERIŻMU

Ftit qabel l-aħħar tas-seklu tmintax diversi żoni fl-Ewropa li mbagħad anke waslu f'Malta bdew jiddakkru minn esperimentazzjoni. Dan kien il-Mesmeriżmu. Din l-esperimentazzjoni bdiet tissejjaħ "Mesmeriżmu" għat-tabib Frans Mesmer. Dan Mesmer kien beda jsostni li kien hemm forzi naturali inviżibbli ġo kull esseru li jgħix fosthom il-bniedem. Skont hu anke l-annimali u anke l-ħxejjex, kellhom dawn il-forzi inviżibbli.

Il-furja tal-Mesmeriżmu bdiet mas-seklu tmintax. Pariġi kien hemm ħafna ffissati fuqu u fil-Belt Valletta kont issib stabbilimenti u anke membri tal-ordni li bdew iwaqqfu żoni fejn bdew isiru dawn l-esperimenti. Ġara li fi Franza kienet twaqqfet kummissjoni u nstab li din it-teorija jew esperimentazzjoni ma kellhiex bażi. F'Malta saret għal diversi xhur. Il-fatt li f'pajjiżna daħlet hi prova mll-aktar ċara kemm dak li kien qed isir fl-Ewropa malajr kien jasal f'pajjiżna u ġol-Belt Valletta.

### IT-TWAQQIF TAL-BIBLIJOTEKA

Bil-Kavallieri ma setax jonqos li jieħdu interess fix-xjenza ut-teknoloġija. Kien dan l-interess li wassal għat-twaqqif tal-biblijoteki. Dan kien żvilupp importanti u wassal għall-preżenza tal-kotba ġol-Belt Valletta. Il-kavallieri li waqqfu l-biblijoteka kellhom interess kbir fix-xjenza u t-teknoloġija u għalhekk il-kollezzjoni kienet tinkludi kollezzjoni li fiha kien hemm l-aktar kollezzjonijiet riċenti ta' kotba u studji għal dak iż-żmien. Dawn illum kotba rari u ta' preġju kbir li għadhom jeżistu fil-biblijoteka.

Il-kollezzjoni imma tmur oltre. Kien hemm il-kollezzjoni ta' Kardinal Spanjol u din kienet tinkludi wkoll kollezzjoni ta' kotba tax-xjenza u matematika. Meta din inġabet minn Ruma magħha ngabu wkoll għadd ta' strumenti li hu kellu.

Din il-kollezzjoni hi mitlufa. Kien hemm studjużi barranin li ġew hawn u kitbu fuqha imma lejn l-aħħar żminijiet tal-kavallieri din ma tissemmiex aktar u ħadd ma jaf x'ġara.

### L-ERA TAL-ILLUMINIŻMU

Mal-Era tal-Illuminiżmu, il-Biblijoteka ħadet dimensjoni ġdida. L-interess kif wieħed jista' jobsor żdied sew. Fiha kienu bdew jinżammu akkademji bħala taħdidiet. Dan kien isir lejn l-aħħar snin tal-Ordni.

Kien ikun hemm nies li jmorru jagħtu diskussjonijiet. Dak kien iż-żmien tal-Illuminiżmu, żmien li fih in-nies bdiet tistaqsi fuq ħafna affarijiet li kienu jiġbru madwarha. Ma baqgħetx taċċetta kulma jingħad. Imma dan l-interess u l-għatx għall-għerf flimkien mal-mistoqsijiet sabu l-ħitan kbar u ostakli. Kellek l-inkwiżizzjoni li kienet issa b'għajnejha aktar miftuħin biex tgħasses għall-ereżiji. Kellek Maltin li tressqu quddiem l-inkwiżizzjoni. Maltin li tressqu għax iddiskutew it-teorija ta' Copernicus. Dawn tressqu quddiem l-inkwiżizzjoni għax dik it-teorija kienet għadha mhix aċċettata. Din turi b'mod mill-aktar ċar li f'Malta kien hawn diskussjoni.

